DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 134/2010

tal-10 ta' Diċembru 2010

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 123/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (Riformulata) ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva 2009/16/KE tħassar, b'effett mill-1 ta' Jannar 2011, id-Direttiva tal-Kunsill 95/21/KE ([3]), li hija inkorporata fil-Ftehim u din għalhekk għandha tiġi mħassra skont l-istess Ftehim b'effett mill-1 ta' Jannar 2011,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XIII tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt 56b (id-Direttiva tal-Kunsill 95/21/KE) għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-punt 56aa.

2. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt il-ġdid 56aa (Direttiva tal-Kunsill 95/21/KE):

"56b. **32009 L 0016**: Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (Riformulata) (ĠU L 131, 28.5.2010, p. 57)."

3. It-test tal-punt 56aa (Direttiva tal-Kunsill Nru 95/21/KE) għandu jiġi mħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2011.

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2009/16/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Diċembru 2010, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON

([1]) ĠU L 58, 3.3.2011, p. 81.
([2]) ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57.
([3]) ĠU L 157, 7.7.1995, p. 1.

(*) Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.